# Il-Każin San Gejtanu ...fejn twieldu li Stage Commandos

Minn Charles Clews



Charles Clews u Nestu Laiviera f'ritratt ta' pubbliċità meħud fil-Każin San Gejtanu fl-1946. Il-Kumpanija Stage Commandos kienet ġiet mogħtija permess li tagħmel seduti u anki rehearsals fil-Każin. Nestu Laiviera wara kien sar Speaker tal-Parlament.

***Naħseb li bil-Kumpanija Teatrali Stage Commandos, kulħadd sema' biha u bosta oħrajn anzjani attwalment rawha tagħti wirjiet fuq il-palk. Iżda ftit jafu li l-ewwel wirja li tajna aħna, kienet proprju fil-każin popolari Ħamruniż ta' San Gejtanu.**

Konna ilna nagħtu wirjiet, fil-ħin tal-break, fit-Tarzna Navali. Għidt mhux darba li l-Istage Commandos twieldet fit-Tarzna, minn grupp ta' ħaddiema, fosthom William Burlò, attur u kantant simpatiku mill-Ħamrun. Kif ukoll naturalment min qed jikteb u Johnny Catania, Freddie Underwood, Nestu Laiviera u Ħamruniż ieħor, Lorrie Bellizzi.

Mid-dehra, il-fama tagħna, bħala kumpanija moderna u spontanja, ***avant-garde***, xterdet barra mit-Tarzna, u niftakar li kienu ġew membri tal-Kumitat mill-Każin San Gejtanu u avviċinawna, ħalli naraw nagħtux xi wirja fil-każin-palazz fil-Ħamrun.

Ilqajna t-talba tagħhom bil-ħerqa u bil-ħeġġa. Rajna li kien ġiena ċ-ċans li nibdew nidhru quddiem pubbliku ferm iżjed vast milli dak tat-Tarzna.

U tajna wirja, fil-każin, bis-sala ppakkjata.

Niftakar li l-wirja kienet b'riżq il-Youth Movement tal-General Workers' Union, li kienet għadha kif twaqqfet, il-GWYM ta' Vincent Esposito, Joe Attard Kingswell, Fonzu Caruana u oħrajn.

Il-qliegħ - għadni niftakar ukoll - kien ta' £60, li għal dak iż-żmien kienet somma mhux ħażin meta tara l-inflazzjoni preżenti.

Niftakar ukoll, li wara l-wirja l-Kumitat kien stedinna għad-drinks, u bosta rrimarkawlna li jaraw li l-kumpanija ħarġet bi stil modern ('il bogħod mill-farsa ta' siegħa ta' qabel), sketches qosra, uħud minnhom satiriċi, makkjetti bil-Malti l-istess, u stil ta' Concert Parties Ingliżi. Kollha konna għadna żgħażagħ, entużjasti u ħadna

gost.

Fil-Każin San Gejtanu, mill-ewwel, niftakar sirna "minn ta' ġewwa" u anki seduti tal-kumpanija u rehearsals kienu tawna permess li nagħmlu hemmhekk.

U tajna wirjiet kbar hemmhekk, mhux biss ġewwa, iżda anki barra, fl-"open air" tal-każin.

Għalkemm li konna nidhru ta' spiss fir-Radio City, li hu qrib, il-pubbliku ta' San Gejtanu kien pubbliku partikolari, ħabib tagħna, li jieħu gost bina u nieħdu gost nagħtu mill-aħjar għalih.

U hawnhekk, għandi storja żgħira dwar dik l-ewwel serata tagħna fil-Każin San Gejtanu. Pawlu Debattista, il-ħabrieki Pawlu t-Tamlu, li għamilt snin sħaħ miegħu fil-Kumitat Festi Nazzjonali, kien sema' li aħna nitfgħu ***jokes*** topiċi tal-mument, u naddattaw ruħna għal fejn inkunu. U kien talabni biex nitfa' xi żewġ jokes fuq il-baned.

U fost jokes oħrajn li llum insejt, niftakar waħda.

Kien hemm imperatur Ċiniż li kellu l-orkestra tiegħu. Darba waħda kellu riċeviment li għalih, tistgħu taħsbu kemm kellu nies importanti u ta' grad għoli.

L-orkestra bdiet iddoqq matul ir-riċeviment, u tant daqqet tajjeb li l-imperatur mar fuq il-Kanċillier tiegħu u qallu: "Aqbad flus tad-deheb u mur imla l-istrumenti tad-daqqa bihom".

Hekk għamel il-Kanċillier, u tgħidx kemm ferħu d-daqqaqa, ngħidu aħna tal-kurunetti, tal-ewfonju, u wisq iżjed dak tal-bumbardun.

Iżda nsibu lid-daqqaq tal-flawt jilmenta: "Ara 'l hawn, jien kemm mort ħażin! **Jien l-inqas wieħed** li daħħluli muniti fil-flawt".

Bir-raġun kollu, miskin.

Tasal okkażjoni oħra, li fiha l-Imperatur kellu riċeviment ieħor. U l-istess orkestra daqqet quddiem dawk il-personalitajiet għolja kollha.

Iżda ġara li l-orkestra daqqet tant ħażin, tant stunat, li nsibu lill-Imperatur imur fuq il-Kanċillier u jgħidlu: "Mur sib l-orkestra u għidilhom, b'ordni imperjali, li jibilgħu l-istrumenti. Iva, nordna li jibilgħu l-istrumenti kollha".

U l-Kanċillier mar jgħidilhom bl-ordni imperjali.

U nerġgħu nsibu lil tal-flawt jilmenta: "Is-santa santina. Ara 'l hawn, l-istrument **tiegħi biss** jgħaddi minn griżmejja!" Tgħidx kemm kienet għoġbitu lil Pawlu.

Nixtieq lill-qarrejja kollha, festa tajba u ferrieħa, kif jafu jgħaddu l-Ħamruniżi.


**IT-TAGHLIM TAL-MUŻIKA JKATTAR IL-KULTURA**

**Għalhekk, ħajjar lill-uliedek jitgħallmu strument mal-Banda San Gejtanu**